# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 6.1

**Kap 6 : Iċ-Ċirku ta' Ġewwa**

**Lezzjoni 6.1: Dawk l-aktar għal qalbna.**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jaħsbu fil-ħbieb intimi tagħhom.
2. Jiddiskutu għalfejn għalihom xi ħbieb huma aqwa minn oħrajn.
3. Jiftakru fil-ferħ li jġibu l-ħbieb sinċieri.
4. Jagħrfu kif Ġesù kien iġib ruħu mal-appostli – l-akbar ħbieb tiegħu

**Ir-riżorsi:**

- ppt: Friends - stampi juri ħbieb f'diversi gruppi
- vidjow :http://www.youtube.com/watch?v=wyJ-M7v-UcE
- Song Handout
- Karta ta' Taħriġ. 6.1



## Naqsmu flimkien-Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu

1. Iddiskuti mat-tfal fuq il-ħbieb tagħhom. Staqsuhom:



- Kif sirtu ħbieb?

- Għaliex sirtu ħbieb?

- Intom qegħdin f'xi grupp ta' ħbieb, f'xi għaqdiet?

- Għandek xi ħbieb li huma aqwa mill-oħrajn? Għaliex?

- Dejjem taqblu fil-konversazzjoni.

2. Enfasizza li:

Ħadd ma jista' jgħix waħdu. Mela biex ngħixu mal-oħrajn irridu nifhmu lill-oħrajn. Bħalma aħna għandna opinjoni, hekk għandhom l-opinjoni tagħhom l-oħrajn. Bħalma aħna kultant inkunu ferħana, imdejqin, imbeżżgħin, bin-nervi, eċċ, hekk ukoll ħaddieħor jista' jkollu sentimenti differenti f'ħinijiet jew ġranet differenti. Meta nagħmlu dawn l-affarijiet, insiru ħbieb intimi.

3. Uża' stampi ta' ħbieb fi gruppi differenti( skola, Mużew, logħob,futbol eċċ).

## Nisimgħu flimkien (Il-pjan tal-lezzjoni)

**1.** Fakkar li jista' jkollna ħbieb biex niddiskutu affarijiet bħal:

**a.** ix-xogħol tal-iskola jew tad-dar;

**b.** x'nagħmel fil-ħin liberu;

**c.** x'nagħmlu fl-għaqda li nattendi;

**d.** x'isir fir-raħal;

**e.** xi smajt fl-aħbarijiet.



2.Jista' jkollna ħbieb li għalina jkunu aqwa mill-oħrajn. Ma' dawn nitkellmu fuq:

a. kif inħossuna llum;

b. x'inħobbu u x'ma nħobbux;

c. x'inhu l-passatemp tagħna;

d. fejn inħobbu mmorru;

e. xi sigriet tagħna.

Importanti: Iffoka fuq dawn ta' l-aħħar u ddiskutihom mal-istudenti.

3. Uża s-Song http://www.youtube.com/watch?v=wyJ-M7v-UcE.1 u stieden lill-istudenti biex jaqsmu l-ħsibijiet tagħhom dwarha.

4. Iftaħ il-Ktieb tal-Attivitajiet 6.1, aqra s-silta mogħtija u fuq bażi ta' klassi aħdem Attività A. Ir-risposti huma:

1) Pietru Ġakbu Ġwanni

2) Meta kien fl-Ort tal-Ġetsemani – Trasfigurazzjoni

- Iddiskuti Attività B u ara li kulħadd mela affarijiet addattati.
- Aqra Attività C u wara li taqra l-istorja, iddiskuti l-mistoqsijiet mogħtija.
- Fakkar li, li tagħti ċans u ċċedi hu dejjem għaqal u sew.
- Spiċċa billi jekk trid l-istudenti jingħataw *worksheet* bil-mod kif tagħmel *friendship bracelet* u jagħmluha.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**



1. Ħadd ma jgħix waħdu.
2. Li l-ħbieb ikunu tassew ħbieb meta tiġi bżonnhom.
3. Li ħbieb huma dawk li jieqfu miegħek fil-ferħ, fin-niket u f'dak kollu li għandek bżonn.

**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**



**1.** Niftakru li Alla ħalaq il-bniedem biex jgħix f'armonija flimkien ma' ħaddieħor.

2. Hu ġie biex jagħmilna magħqudinflimkien bħala familja waħda.

**Niċċelebraw flimkien xi kant/drama/DVD ecc**

Uri vidjow: http://www.youtube.com/watch?v=wyJ-M7v-UcE

Enfasizza għalfejn għandna bżonn il-ħbieb.

**Nitolbu**

Grazzi Mulej talli tajtna ħbieb li jieqfu magħna meta nkunu fil-bżonn. Għinna nilqgħu l-għemil tagħhom bil-ferħ.

Grazzi. Ammen

